MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 306/2012

**Dr. Joseph u Mrs Mary Carmen mizzewgin Lia**
**f'isem Graces Company Limited**

**vs**

**Ms. Fiorella Zammit**
**Mr. Antoine Camilleri**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li s-Socjeta' Attrici qed titlob minghand il-Konvenuti l-bilanc ta' elf u mitejn Ewro (€1,200.00c) skond skrittura privata tat-30 ta' April 200 filli l-funzjoni tat-tieg li kellu jsir fit-28 ta' Gunju 2011 go Overhills, f'Birzebbugia ms saritx u l-avviz tat-thassir nghata bil-miktub fi zmien inqas minn dak ta' sitt xhur miftiehem fl-iskrittura msemmija. Dan hu munit bid-Dok A u B esibiti mal-Avviz.

**Ra** li t-TALBA tnaqqset ghal €600 billi Antoine Camilleri wiehed miz-zewg Konvenuti, hallas dan il-*quantum* fil-mori tal-kawza.

**Ra** li fl-1 ta' Novembru 2012 ir-Registratur tal-Qorti esibixxa ittra, datata 17 ta' Ottubru 2012 li rcieva minghand il-Konvenuta Fiorella Zammit KI 345185M – *ara fol* 12 *et seq* li tghid hekk:-

*Minhabba ragunijiet ta' sahha kelli nikkancella d-data taz-zwieg b'konsegwenza ta' dan is-sala ta' fejn kellu jsir ir-riceviment mort personalment ghand is-sinjura Lia fejn spjegajtilha s-sitwazzjoni tieghi u kitbitli fuq il-kuntratt originali li d-data giet ikancellata.*

*Ftit xhur wara rcevejt telefonata mand l-istess sinjura Lia fejn talbitni nhallas t-total kollu.*

*T-Talba tieghi hi ma ghandix inhallas il-bilanc tal-prezz.*

**Ra** li Emanuel Scriha, Ass. Registratur, b'ittra datata 31 ta' Ottubru 2012 hu gharraf lil Fiorella Zammit li dak ma kienx il-mod kif topponi TALBA.

**Ra** li hawn Fiorella Zammit ressqet RISPOSTA li fiha semmiet ir-raguni li qabel kienet kitbet fl-ittra lir-Registratur tal-Qorti (ara *fol* 18 *et seq*).

II PROVI

1. In-**Nutar Joseph Lia** ghas-Socjeta' Attrici rrifera ghall-ftehim li hemm mal-AVVIZ. Is-sitt xhur li fihom irid isir il-kancellament ikun mid-data tat-tieg. Zied li, ghal raguni ta' identita', ma jaccettawx kancellament bit-telefon dana in segwitu ghall-esperjenza mgarrba.

2. Mistoqsi jekk Fiorella Zammit kienetx marret personalment u kellmet lid-Direttur l-iehor u qaltilha li riedet tikkancella t-tieg, "nghid li jiena ma kontx prezenti izda dna il-fatt hu risaput minni. Jiena nista nghid li din l-informazzjoni kienet nghatat fis-sitt xhur ta' qabel it-tieg. Naf li fuq xi dokument hemm miktub li dan it-tieg gie kancellat. Nikkonferma li hemm miktub fuq id-dokument 2 li bla pregudizzju dan ir-riceviment qed jigi kancellat u hemm il-firma ta' F. Zammit".

3. **Carmen Lia**, Direttur qalet *a fol* 3 taghraf il-firma taghha. Qalet li meta kellmet lil Antoine Camilleri dan ta' mill-ewwel €600.00c izda ammont simili ghadu dovut minn Fiorella Zammit. In kontro-ezami qalet li ma tiftakarx li l-konvenuta kienet marret f'Jannar 2011 biex tikkancella. Pero' ma tistax tghid "giet jew ma gietx". Meta cemplet lil Antoine Camilleri dan qalilha li t-tieg gie mhassar f'perijodu ta' anqas minn sitt xhur.

4. **Fiorella Zammit** rriferiet ghad-Dok FZ *a fol* 29 (il-ftehim dwar il-kiri tas-sala) li fuq wara ghandu. Bla Pregudizzju: Din id-data giet kancellata. L-istess hemm fid-Dok B *a fol* 3 izda hawn, taht in-nota msemmija hemm il-firma F. Zammit. Hi kienet kellmet personalment lil Mrs Lia u kienet din li kitbet in-

notament dwar kancellament. Ftit wara cemplitilha u qaltila li hemm flus dovuti.

5. In konro-ezami qalet li dan kien **ghall-ahhar ta' Jannar, bidu ta' Frar** mentri t-tieg kellu jsir fl-ahhar ta' Gunju. Hi kienet taf bil-klawsola tal-kancellament u ghalhekk marret ghand Mrs Lia.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. *Ex Admissis*, il-Konvenuta Zammit:-

a) Kienet taf li fil-ftehim kien hemm li f'kaz li r-riceviment tat-tieg jithassar kellu jinghata pre-avviz ta' 6 xhur.

b) It-tieg kellu jsir fl-ahhar ta' Gunju mentri hi kellmet lil Mrs Lia ghall-ahhar ta' Jannar / l-ewwel jiem ta' Frar.

2. Illi ultirjorment , l-Avviz kellu jkun bil-miktub.

3. It-TRIBUNAL josserva li Antoine Camilleri, l-konvenut l-iehor li, naturalment, kellu jiehu sehem fir-rabta taz-zwieg, hallas sehmu €600.00c .

DECIZJONI

Meta jqis kollox, it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** t-TALBA kif ridotta fil-konfront tal-konvenuta Fiorella Zammit (2) ma jiehux konjizzjoni tat-TALBA fil-konfront ta' Antoine Camilleri u, fic-cirkostanzi (3) **jordna** li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------